MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 2366/2003

**Studio Seven Company Limited**

**Vs**

**Bonaci Media Entertainment Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mija u disa' liri Maltin u sebghin centezmu (Lm609.70c) rapprezentanti prezz ta' servizzi forniti u kiri ta' *equipment*, bl-interessi dekoribbli mis-6 t'April, 2002 u bl-ispejjez.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont m'hu dovut mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Joe Debono, Karl Bonaci, Sue Debono, Timmy Bartolo Parnis u Wilfred Caruana.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Daphne Dodebier ghas-socjeta' attrici u tal-PL Sharon Mizzi ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi parti mix-xoghol tas-socjeta' attrici huwa li tikri u tipprovdi apparat relattiv ghall-*media* li jikkomprendi wkoll *cameras*, *amplifiers* u apparat iehor li jista' jintuza biex jigi rrikordjat programm televiziv.

Illi s-socjeta' konvenuta attwalment taghmel xoghol ta' *publicity* u anki thejji programmi televizivi.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi s-socjeta' konvenuta ghamlet *recording* ta' *launching* ta' programm maghruf bl-isem 'Ipokriti' u sabiex isir dan il-programm gie wtilizzat *equipment* u *manpower* tas-socjeta' attrici u ta' dan is-socjeta' attrici thallset u ma jiffurmax parti mill-mertu tal-kawza.

Illi inoltre s-socjeta' konvenuta kienet involuta f'programm televiziv fuq il-Max Plus fis-sens illi kienet xtrat *air-time* relattiv u jirrizulta wkoll illi s-socjeta' attrici kellha *partnership* mal-Max Plus izda mhux f'dak li ghandu x'jaqsam ma' *production*.

Il-mertu tal-kawza jikkoncerna ezattament l-*equipment* li seta' gie wzat ghar-*recording* ta' dan il-programm.

Is-socjeta' attrici ssostni illi hija kriet diversi drabi diversi oggetti ta' *equipment* u dawk relattivi ghall-mertu tal-kawza jikkoncernaw *camera* li ntuzat f'erba' okkazjonijiet kull darba ghal jumejn, kif ukoll sistema ta' telephone, *camera control* u *distribution amplifier* f'hames okkazjonijiet kull darba ghal jumejn kif jirrizulta mill-*invoice* a fol 18 tal-process.

Timmy Bartolo Parnis ghas-socjeta' attrici xehed illi fil-fatt kien hemm ftehim specifiku dwar kiri ta' l-istess apparat u kif ukoll dwar ir-rati relattivi ma' Karl Bonaci ghas-socjeta' konvenuta, izda jzid jghid ukoll illi ghalkemm fil-kaz ta' 'Ipokriti' kien hemm ftehim bil-miktub u anki *delivery orders* iffirmati, f'dak li jirrigwarda l-*invoice* mertu tal-kawza odjerna, m'hemm l-ebda ftehim iffirmat u m'hemm l-ebda *delivery orders* stante li huma bbazaw ruhhom fuq il-fiducja kummercjali.

Da parti tieghu l-konvenut isostni illi huwa qatt ma wasal fi ftehim ghall-kiri ta' l-apparat mertu tal-kawza odjerna, sahansitra jghid illi huwa qatt m'uza l-apparat li jissemma mill-atturi.

Pero t-Tribunal jinnota wkoll illi l-konvenut semma illi fix-xoghol taghhom hemm relazzjonijiet ta' hbiberija fejn wiehed jghin lill-iehor u m'huwiex eskluz li wiehed jiddobba apparat minghand xi haddiehor.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-apparat mertu tal-kawza attwalment gie wzat mill-konvenut ezattament kif xehdu x-xhieda ta' l-atturi. Izda mill-banda l-ohra t-Tribunal ukoll huwa sodisfatt illi ma kienx hemm ftehim car u espress bejn il-partijiet dwar jekk dan kienx kiri jew le u wisq anqas x'kienu r-rati relattivi.

Dan iwassal lit-Tribunal biex jiddeciedi l-kawza mhux fuq bazi ta' ftehim ossija kuntratt ippruvat izda fuq il-principju ta' l-ekwita' in generali u b'mod partikolari fuq il-fatt illi kull servizz ghandu jigi kkumpensat. Dan ma kienx servizz li qed jigi moghti minn xi habib intimu jew xi membru tal-familja, izda servizz moghti minn socjeta' kummercjali lill-ohra u ghalhekk huwa prezunt illi ta' dan is-servizz is-socjeta' attrici kienet qed tesigi li sejra tigi kkumpensata b'xi mod.

It-Tribunal ha nota tal-valur ta' l-apparat li gie wzat li komplessivament igib valur ta' circa erbat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm4,700) izda t-Tribunal ma jistax jinjora wkoll l-asserzjoni tal-konvenut illi fil-fatt il-konvenut kellu apparat simili u li huwa probabbli li s-socjeta' attrici li kienet

*partner* fil-Max Plus xtaqet li jkun hemm kwalita' ahjar u mhux eskluz li hija vvolontarjat l-apparat mertu tal-kawza odjerna sabiex il-kwalita' tal-*production* titjieb.

Inoltre, huwa probabbli illi l-apparat in kwistjoni ma kienx gdid fjamant izda kien jigi mikri minn zmien ghall-zmien.

Tenut kont tal-premess it-Tribunal jidhirlu illi l-kumpens ghandu jigi kkalkolat b'rata ta' hamsa fil-mija (5%) fuq il-valur approssimattiv ta' l-apparat in kwistjoni li qed jigi rritondit 'il fuq ghal mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).
Tenut kont tac-cirkostanzi fuq imsemmija, t-Tribunal jidhirlu wkoll li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez u dan billi ghalkemm is-socjeta' konvenuta qieghda tigi kkundannata biex thallas ammont lis-socjeta' attrici, t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi l-istess socjeta' attrici naqset milli tikkristallizza l-pozizzjoni taghha b'dokumentazzjoni relattiva sabiex b'hekk jigi evitat kunflitt u dizgwit li fil-fatt ta lok ghall-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-interessi kif mitluba.

Ghar-rigward l-ispejjez tal-kawza, kull parti ghandha thallas id-drittijiet u l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------